V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10720 – IVANHOE CAMBRIDGE / MUBADALA / DUTCH RESIDENTIAL INVESTMENTS IV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 228/07)

1. Fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ivanhoe Cambridge Inc. (il-Kanada, "Ivanhoe Cambridge"), ikkontrollata minn Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ"),

— Mubadala Investment Company PJSC (l-Emirati Għarab Magħquda, "Mubadala"),

— Dutch Residential Investments IV B.V. (in-Netherlands, "DRI IV").

Ivanhoe Cambridge u Mobadala jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' DRI IV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' kuntratt jew ta' xi mezz ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ivanhoe Cambridge: investitur globali tal-proprjetà immobbli. Il-kumpanija prinċipali tagħha, CDPQ hija maniġer ta' fond istituzzjonali Kanadiż,

— Mubadala: veikolu ta' investiment tal-Gvern ta' Abu Dhabi, li tiġġestixxi portafoll varjat ta' assi u investimenti fl-Emirati Għarab Magħquda u barra mill-pajjiż. Mubadala hija attiva fl-investiment f'firxa wiesgħa ta' setturi, inklużi l-enerġija, l-utilitajiet, il-proprjetà immobbli, l-industriji u s-servizzi bażiċi,

— DRI IV: akkwist ta' unitajiet residenzjali madwar in-Netherlands bl-intenzjoni li tippossjedi, tiżviluppa, u/jew tbiegħ tali assi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2], jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10720 – IVANHOE CAMBRIDGE / MUBADALA / DUTCH RESIDENTIAL INVESTMENTS IV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË